MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2009

Numru 921/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH HERSEY**

**KONTRA**

**SAHARLA MOHAMED ISMAIL ta' 23 sena, bint Mohamed Ismail u Rahmasalad, imwielda Somali nhar l-1 ta' Jannar, 1985, maghrufa bhala Police no 08RRR-06, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 51911A, u residenti Hal-Far Tent Village;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **SAHARLA MOHAMED ISMAIL** li giet akkuzata talli:

Nhar l-1 ta’ Settembru, 2009 bhala persuna li kellha f’idejha passaport mahrug lilha minn awtorita’ kompetenti jew le (passaport numru 9000884), trasferiet dak il-passaport lil persuna ohra, cioe’ lil Nimra Salah Yassin, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moghti il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, l-imputata ddikkjarat li ma kellhiex oggezzjoni ghal tali proceduri;

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputata fl-istadju ta’ nterrogatorju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputata hatja u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------